



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12480/22

LIMITE

CORLX 806
CFSP/PESC 1168
RELEX 1190
COEST 656
FIN 927

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0292(NLE)**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Settembru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	JOIN(2022) 41 final
Suġġett:	Proposta Konġunta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 692/2014 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument JOIN(2022) 41 final.

Mehmuż: JOIN(2022) 41 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 14.9.2022
JOIN(2022) 41 final

2022/0292 (NLE)
SENSITIVE*

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 692/2014 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għall-
annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol**

* Distribution only on a 'Need to know' basis - Do not read or carry openly in public places. Must be stored securely and encrypted in storage and transmission. Destroy copies by shredding or secure deletion. Full handling instructions <https://europa.eu/db43PX>

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 692/2014 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol jagħti effett lill-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/386/PESK.
- (2) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 692/2014, jenħtieġ li tiżdied dispożizzjoni biex il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li temenda l-Anness li fih id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni.
- (3) Jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 692/2014 jiġi sostitwit.
- (4) Dawk l-emendi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u għalhekk hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu implimentati, b'mod partikolari bil-għan li tiġi żgurata applikazzjoni uniformi fl-Istati Membri kollha.
- (5) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni jipproponu li r-Regolament (UE) Nru 692/2014 jiġi emendat skont dan.

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 692/2014 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/386/PESK tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol¹,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Ġunju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/386/PESK u r-Regolament (UE) Nru 692/2014² dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol.
- (2) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 692/2014, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li temenda l-Anness li fih id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni.
- (3) Jenħtieġ ukoll li l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 692/2014 jiġi sostitwit.
- (4) Dawk l-emendi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u għalhekk hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu implimentati, b'mod partikolari bil-għan li tiġi żgurata applikazzjoni uniformi fl-Istati Membri kollha.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 692/2014 jiġi emendat skont dan.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 692/2014 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 1, il-punt (e), "Anness" huwa sostitwit b'"Anness I";
- (2) fl-Artikolu 9, il-paragrafi 1 u 3, "Anness" huwa sostitwit b'"Anness I";
- (3) fl-Artikolu 9, jiżdied il-punt li ġej:

¹ ĠU L 183, 24.6.2014, p. 70.

² ĠU L 183, 24.6.2014, p. 9.

“4. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li temenda l-Anness I abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri.”

(4) L-Anness I huwa sostitwit bl-Anness ta’ dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President